**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1008/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Michael Tabone)**

**-Vs-**

**SELMA ZINOU**

**Illum, 16 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SELMA ZINOU** ta' 20 sena, bint Mahmoud Zinou u Consiglia nee' Debono, imwielda nhar is-26 ta' Frar 2003, residenti ġewwa 30, Triq Sant Emidju, Zejtun u u detetur tal-karta tal-identita' 086103L, akkużata talli bejn Settembru 2020 u April 2023 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli xjentement għamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik iinifsek jew ghal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor ta' krediti immaġinarji , sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika , għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000

bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta’ Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta’ Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b’qerq ta’aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

   Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta sejbien ta’ ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

Rat illi laqgħet it-talba ta’ George Cremona, id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2024, biex l-istess Dipartiment jiġi ammess fil-proċeduri bħala l-parti offiża a tenur tal-artikolu 410(5) tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li hija ħatja tal-akkużi kollha;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha, u wara illi kkonċedietilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ ħtija u sabiex terga’ tikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li tinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semgħet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw illi jaqblu li l-ammont totali li ġie perċepit illegalment mill-imputata għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali huwa

ta’ €19,280.92 u dan fil-perijodu bejn id-19 ta’ Settembru 2020 u s-6 ta’ Ottubru 2023;

Semgħet lill-imputata tiddikjara li hija disposta tħallas lura l-ammont kollu li ħadet illegalment mingħand d-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali permezz ta’ pagamenti mensili u semgħet lill-parti offiża jiddikjara li per prinċipju d-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali jkun disposta jaċċetta r-ripagament tas-somma dovuta, bin-nifs;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputata, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tagħha u kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita’ tar-reati li qiegħda tinstab ħatja tagħhom l-imputata u l-ammont sostanzjali li nkiseb mill-imputata b’riżultat tal-kommissjoni tar-reati li qed tinstab ħatja dwarhom. Iżda ħadet ukoll qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputata u l-fatt illi hija studenta fuq bażi *full-time* fl-Universita’ ta’ Malta.

Il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat ammettiet il-ħtija tagħha fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri u l-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni dwar il-piena sottomettiet li hija mhux qed tinsisti fuq piena karċerarja. Fuq kollox, il-fatt illi l-imputata hija disposta li tħallas lura l-ammont kollu minnha perċepit illegalment għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-falsifikazzjoni tad-dokumenti jew skritturi ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-artikoli 167, 183 kif ukoll l-artikolu 308 tal-Kap. 9. L-istess jgħodd għall-att konsistenti fl-użu tad-dokument falsifikat: dan jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9 li jinkriminizza l-għoti ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika, kif ukoll ir-reat tal-frodi. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att.

Imbagħad, ir-reati tal-falsifikazzjoni u l-użu ta' dokument falz jew skrittura falza, iservu fl-istess waqt ukoll bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u jsibu riskontru għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Bl-ammissjoni tal-imputata għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, hi ma tistax tinstab ħatja wkoll għar-reat tal-frodi innominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 għaliex dan ir-reat jinstab ħati tagħha min jagħmel xi qligħ **ieħor** b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel u għalhekk, billi l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha dwar ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru tmienja (8) dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputata ammettiet il-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputata jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Fuq kollox qieset is-sottomissjoni tad-difiza illi hija kienu l-ġenituri tal-imputata stess illi ggwidawha biex tapplika għall-ħlas tal-assistenza permezz tal-użu ta' ċertifikati falsifikati u dikjarazzjonijiet foloz. Din is-sottomissjoni qiegħda tingħata importanza għaliex fiż-żmien meta kkommettiet uħud mill-atti li jikkostitwixxu r-reati addebitati

lilha, fosthom ir-reati ta' falsifikazzjoni, użu ta' dokumenti jew skritturi foloz u r-reat ta' frodi, bejn Settembru 2020 u Frar 2021, l-imputata kienet għadha minorenni ta' sbatax-il sena.

Huwa minnu li r-reati li qed jinstab ħati dwarhom l-imputata ingħataw bħala reat kontinwat u fil-fatt, il-Qorti fehmet illi l-qerq perpetrat mill-imputata għad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali baqa' jitwettaq ripetutament u sistematikament fuq perjiodu ta' żmien u dejjem bl-istess riżoluzzjoni waħda, ċioe' biex hija tagħmel qligħ illegali għad-dannu tal-istess Dipartiment.  Fil-fatt, l-imputata baqgħet tirċievi l-benefiċċji soċjali ossia l-frott tar-reati minnha kommessi, anke wara li għalqet l-eta' maġġorenni u b'hekk il-qerq baqa' jiġi perpetrat b'kull ħlas perċepit minnha abbażi tal-użu inizzjali ta' dokumenti foloz jew iffalsifikati.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-egħmil li skaturixxa l-ħlas tal-benefiċċji, ċioe' l-użu tad-dokumenti foloz u l-għoti ta' stqarrijiet foloz jew tagħrif falz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, li jikkostitwixxu wkoll il-mezz għall-kommissjoni tar-reat tal-frodi, twettaq biss meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni inizzjali għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa, f'Settembru 2020 meta l-imputata kien għad kellha biss sbatax-il sena, u għaldaqstant il-Qorti sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Kap. 9 billi tnaqqas il-piena bi grad wieħed biss. Għalhekk, il-piena għar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 bl-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) tal-istess Kap. 9, hija priġunerija minn 18-il xahar sa sitt snin.

**Iżda fi kwalsiasi każ, anke mingħajr it-temperament fil-piena taħt l-artikolu 37(2) tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu illi r-reat ta' frodi minħabba l-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 huwa punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin[1], (i) il-problemi li evidentement jeżistu fi ħdan il-familja tal-imputata meta jidher li l-ġenituri tagħha kienu b'xi mod involuti fil-fatti u ċ-ċirkostanzi li wasslu biex l-imputata tikkommetti r-reati**

[1] Punibbli bi priġunerija minn sentejn sa disa' snin.

**li tinsab mixlija bihom, (ii) il-fatt li kienet minuri ta' 17-il sena fiż-żmien meta ikkommettiet ir-reati, (iii) il-fatt li minkejja dan kollu hija assumiet responsabbilita' għal egħmilha u ddikjarat li trid tħallas lura lill-parti offiża s-somma kollha meħuda illegalment għad-dannu tal-Gvern u l-istess parti offiża hija wkoll disposta li taċċetta ripagament bin-nifs, u kif ukoll (iv) il-fatt li l-imputata għad għandha 20 sena, hija studenta fuq bażi *full-time* fl-Universita' u għandha futur promettenti quddiemha, ikkunsidrati fl-assjem tagħhom jgħoddu bħala ċirkostanzi li jimmeritaw li l-imputata titqiegħed taħt Ordni ta' Probation skont kif maħsub fl-ewwel proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation minflok piena ta' priġunerija li fil-fehma tal-Qorti, żgur li m'hijiex piena idonea f'dan il-każ.**

Il-Qorti tqis illi s-sorveljanza tal-imputata minn uffiċjal tal-Probation hi neċessarja sabiex hija tista' tingħata l-għajnuna, anke okkorrendo psikoloġika, li jeħtiġilha biex tindirizza b'mod strutturat kwalsiasi diffikoltajiet li jeżistu fi ħdan il-familja tagħha, bħal dawk li wassluha tikkommetti dawn ir-reati, mingħajr ma terġa' tirkorri għall-kriminalita', kif ukoll sabiex f'din l-eta' kruċjali f'ħajjitha ikollha sorveljanza minn persuni professjonali bil-għan li tingħata gwida fid-direzzjoni t-tajba u tagħraf ukoll l-importanza li jkollha sors ta' introjtu leġittimu biex tibni futur sod għaliha nnifisha.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru tmienja (8) stante li din ingħatat bħala alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7), u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 37(2), 167, 169, 183, 184, 185, 188, 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil SELMA ZINOU ħatja fuq ammissjoni tagħha stess, tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) u 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi**

**reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħatja esprimiet ir-rieda tagħha li tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja tħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' dsatax-il elf mitejn u tmenin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€19,280.92) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Dipartiment b'riżultat tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħtija, bin-nifs, liema ħlas, f'każ li jintlaħaq ftehim, għandu jsir skont kif jiġi miftiehem bejn il-partijiet.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**